# KWADRU TAL-ĦAJJA PARROKKJALI U TAL-FESTA TA' SAN ĠILJAN BEJN TMIEM IS-SEKLU DSATAX U L-BIDU TAS-SEKLU GĦOXRIN

# (III) Għamara, A[illegible] Abiti Liturġi[illegible]

KITBA TA' NIKI PAPAGIORCOPULO, B.A. (HONS)



Is-sejba fl-Arkivju San Ġiljan ta' ktieb ta' kontijiet u spejjeż, jew kif inhu msejjaħ *libro esito*, tal-*Amministrazione della Procura della Veneranda Lampade della Chiesa Parrocchiale di San Giuliano*, xi snin ilu kien ħeġġiġni sabiex naqsam magħkom il-qarrejja ta' dan l-annwal *Lapsi*, xi sejbiet li jagħtuna ħjiel tal-ħajja parrokkjali u l-festa ta' San Ġiljan kif kienet tiġi ċċelebrata fi tmiem is-seklu XIX u l-bidu tas-seklu XX. Fiż-żewġ edizzjonijiet li għaddew ikkonkludejna li huwa wisq probabbli li l-kitba f'dan ir-reġistu hija ta' Dun Ġiljan Zammit, li l-ewwel kien prokuratur tal-knisja tul il-parrokat ta' Dun Ġużepp Xerri, imbagħad kien appuntat suċċessur tal-istess Xerri bħala kappillan tal-parroċċa. Tkellimna fuq l-avvenimenti li ġraw f'San Ġiljan f'dawn iż-żminijiet bikrin tal-parroċċa, fuq l-entużjażmu li ġera fi qlub missirijietna meta t-talba tagħhom biex San Ġiljan isir parroċċa ntlaqgħet mill-Isqof Pietru Pace. Għamilna aċċenn għall-festa tal-Assunta u l-kult Marjan li kien xtered u wassal sabiex it-titular tal-knisja kien tbiddel u wara reġa' lura għal San Ġiljan Ospidalier meta l-knisja saret parroċċa[1]. Imbagħad tajna ħarsa dettaljata lejn il-festa ta' San Ġiljan f'dawn iż-żminijiet; il-festi interni – it-tridu u l-paniġierku, il-mużika fil-knisja u l-*cappelle di musica Nani* u *Vella*, u l-armar tal-knisja neo-parrokkjali[2], u l-festi esterni: l-armar fit-toroq, il-baned mistiedna, il-logħob tan-nar, il-ġostra fil-bajja ta' Spinola u attivitajiet oħra. Tkellimna saħansitra fuq sena minnhom meta l-festa esterna tħassret minħabba luttu għall-mewt tal-Papa Ljun XIII[3]. Iżda dan is-sors huwa tant mogħni b'dettalji li fadal x'nisiltu minnu sabiex flimkien insawwru dan il-mużajk tal-istorja tal-knisja tagħna.



*Dun Ġiljan Zammit, saċerdot bin il-parroċċa li laħaq it-tieni Kappillan ta' San Ġiljan.*

F'dan it-tielet artiklu fis-sensiela ser nikkonċentraw issa fuq il-ħajja parrokkjali f' San Ġiljan ta' dawn iż-żminijiet, wara li tkellimna fit-tul fuq il-festa titulari ta' San Ġiljan Ospidalier fl-edizzjonijiet li għaddew. Dan il-ktieb ta' kontijiet tal-prokura msejħa 'tal-lampier', għaliex kif spjegajna diġà, kellha bħala l-ewwel obbligu dak li tara li l-lampier quddiem is-Santissimu Sagrament jibqa' dejjem mixgħul, jagħtina stampa ċara tax-xogħolijiet li kienu qed isiru biex il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan Ospidalier tkun mgħammra kif jixraq għaċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti u tal-festi li kienu jsiru fiha. U ma kienux isiru biss festa jew tnejn fil-knisja! Għaldaqstant ser nagħtu ħarsa ukoll lejn il-festi Kristoloġiċi, dawk iddedikati lil Omm Alla Marija Santissima u l-qaddisin li

kienu jkunu ċċelebrati b'solennità fil-knisja parrokkjali. Fl-aħħar ser nitkellmu ukoll dwar spejjeż li tniżżlu f'dan ir-reġistru ta' kontijiet li jagħtuna tagħrif fuq okkażjonijiet speċjali li kienu kkommemorati fil-parroċċa l-ġdida.



*In-niċċa ta' Sant'Antnin u xi dettalji mill-iskultura tagħha.*

## XOGĦOLIJIET FIL-KNISJA U T-TAGĦMIR TAGĦHA

Il-Knisja ta' San Ġiljan kienet waħda fqira. F'din il-kundizzjoni mwiegħra sabha Dun Ġużepp Xerri meta fil-5 ta' Awissu 1849 wasal biex iservi fiha. F'eloġju funebri miktub minn ħabib ta' Xerri u ppublikat fil-gazzetta *L'Ordine* fid-19 ta' Ġunju ta' 1897, fost it-tifħir li jingħata lil Xerri għall-merti tiegħu, jingħad hekk fuq ix-xogħol li huwa għamel fil-knisja: '*L'impegno poi che mostrò per provvedere la sua Chiesa allor sprovveduta di tutto e le spese erogate del proprio, e nella fabbrica e negli arredi della Chiesa sono una prova eloquente del grande suo disinteresse.*' F'artiklu fl-istess gazzetta li deher fl-14 t'Awwissu 1893, fejn fih insibu rrapportat il-wasla tal-vara l-ġdida ta' San Ġiljan Ospdalier fil-knisja parrokkjali, insibu kliem ta' tifħir għad-Djaknu Ġiljan Zammit u l-Kappillan Xerri għax-xogħolijiet li kienu qed isiru fil-knisja parrokkjali l-ġdida: '*Domenica 27 del corrente ricorre la solenne festivita del Santo per la quale solle instancabili cure del Diacono Signor Giuliano Zammit si prepara quel tempio, gia recentamente decorato... Cosi alacremente si va fornendo dei necessari arredi quella nasciente parrocchia sotto la direzione e lo zelo dell'incomparabile Pievano, il Rev. Dr. Don Giuseppe Xerry...*'[4].

Dan il-*libro esito* jagħtina ħjiel ta' dawn ix-xogħolijiet li kienu qed isiru fil-knisja bejn Novembru tal-1896 u Frar tal-1904, ftit snin biss wara t-twaqqif tal-parroċċa. Minbarra xogħol strutturali, il-knisja bdiet tiżżejjen b'diversi opri ta' arti – pittura u skultura, inħadem u nxtara l-apparat liturġiku neċessarju għaċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti, u nħiet l-ilbies liturġiku. Ser naraw ukoll kif f'dan iż-żmien inbeda l-proġett tad-damask tal-knisja.

## OPRI TAL-ARTI

Nibdew billi nagħtu ħarsa lejn l-opri ġodda tal-arti. Opra partikolari li saret fl-1896 kienet tikkonsisti f'żewġ niċeċ skulturati fil-ġebel. Fit-8 ta' Marzu tħallsu għaxar liri, tnax-il sold u sitt xelini lil '*Mro V. Muscat per due nicchie di pietra e scultura di dette*'[5]. Dawn iż-żewġ niċeċ għadna narawhom sa llum fuq in-naħa ta' wara tal-knisja u jilqgħu fihom l-istatwi tal-Madonna ta' Lourdes u Sant'Antnin. Fuq in-naħa ta' wara tas-salib li nsibu fuq in-niċeċ hemm imnaqqxa s-sena li fihom saru: 1896. Sa llum ma kellniex ħjiel fuq min seta' skultura dawn iż-żewġ niċeċ fil-ġebel. Il-*libro esito* jagħtina





tagħrif ukoll fuq ix-xogħol ta' dekorazzjoni li saret fuq dawn in-niċeċ u oħrajn fil-knisja għaliex fit-13 t'Awwissu tal-istess sena Filippo Muscat tħallas is-somma ta' tliet liri u tnax-il xelin għall-induratura u ż-żebgħa taz-zokklu ta' niċċa. Dan tal-aħħar reġa' tħallas is-somma ta' żewġ liri, sbatax-il xelin u sitt soldi għall-istess xogħol fuq żewġ niċeċ oħra fit-26 t'April 1897.

Ix-xogħol tal-iskultura ma kienx biss ristrett għall-knisja. Tant hu hekk li fit-3 ta' Settembru 1898 saru ħlasijiet għal xogħol ta' skultura fis-sagristija. Qed nassumu li din hija n-niċċa tal-Madonna u l-*lavabo* li għadhom iżejnuha sa llum. Għal dan ix-xogħol tħallset is-somma ta' tliet xelini. Sfortunatment ma nsibux imniżżel lil min sar dan il-ħlas.

Fl-4 ta' April 1896 tħallset is-somma ta' tliet liri lil Giuseppe Cefail għall-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju li għadu meqjum fuq l-altar laterali fuq il-lemin tal-knisja, qrib l-altar il-maġġur. Kien magħruf li dan il-kwadru kien xogħol Cefail, li kellu l-bottega tiegħu f'numru 60, Strada San Marco l-Belt, għaliex huwa ffirmat u ddatat. Madankollu dan is-sors jitfa' dawl għall-ewwel darba fuq kemm qam dan il-kwadru u fuq il-fatt li Cefail kien midħla tal-knisja ta' San Ġiljan. Tant hu hekk li fl-istess sena ġie fdat bir-restawr ta' erba' kwadri oħra li għalihom tħallas lira fit-22 t'Awwissu, minbarra li ħadem ukoll il-kwadru tal-Madonna tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù[6].

Minbarra xogħol ta' skultura u pittura l-knisja żżejnet bi statwi ġodda tal-kartapesta fosthom it-titular, il-Madonna ta' Lourdes[7] u l-Madonna tar-Rużarju[8], li saru minn Karlu Darmanin. Diġà għamilna aċċenn is-sena l-oħra għal evidenza f'dan il-ktieb ta' kontijiet ta' relazzjoni speċjali bejn l-amministatur ta' din il-prokura u l-artist Senglean li ta lill-Ġiljaniżi opri sbieħ, ewlenija fosthom il-vara titulari. Fit-8 ta' April 1896 l-artist tħallas erba' xelini għaż-żebgħa ta' kurċifiss. M'għandniex indikazzjoni ta' liema hu l-kurċifiss imsemmi jew jekk dan għadux jeżisti, iżda għandna rendikont f'dan il-ktejjeb ta' ħlasijiet ta' lira u sitt xelini li saru mill-prokura għal karozzin biex jieħdu lill-prokuratur lejn il-bottega ta' Darmanin u lura: *'per recarmi dal Sig. Darmanin'*. Jidher



*Dettal mill-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju, li għadu kif ġie restawrat.*

li l-artisti ta' dak iż-żmien ma kenux wisq differenti minn dawk t'illum u l-prokuratur kien iżur il-bottega biex jaċċerta ruħu li x-xogħol kien miexi! Fl-edizzjoni li għaddiet semmejna ukoll kif għall-festa tal-1897 Darmanin ħadem statwa ta' anġlu li għaliha tħallas is-somma ta' tmien liri.

## GĦAMARA U APPARAT LITURĠIKU

Minbarra opri tal-arti ġodda sar ħafna u ħafna xogħol f'dawn iż-żminijiet biex il-knisja tiġi mogħnija bl-għamara u l-apparat neċessarju għaċ-ċelebrazzjoni xierqa tas-sagramenti. F'dan ir-reġistu nsibu minjiera ta' tagħrif fuq l-oġġetti ġodda li kienu qed jinħadmu jew jinxtraw għall-knisja parrokkjali ġdida, tant li huwa impossibbli li nsemmuhom kollha. Insemmu għaldaqstant dawk l-aktar importanti.

Jidher li fis-snin li fuqhom qed nittrattaw kien qed isir apparat ġdid għall-altari tal-knisja. Għal dan il-għan fis-26 ta' Novembru 1895 l-induratur Paolo Bugeja tħallas is-somma ta' lira u tmintax-il xelin għall-arġenterija ta' sitt gandlieri u kurċifiss. Fid-9 ta' Ġunju tas-sena ta' wara Mastru G. Sammut tħallas disa' liri u ħmistax-il xelin għax-xogħol tal-injam u l-arġenterija ta' tnax-il gandlier ieħor u żewġ kurċifissi. U erbgħa xhur wara, f'Ottubru 1896 il-prokura nefqet tnax-il lira oħra f'tnax-il gandlier u kurċifiss

 

*In-niċċa tal-Madonna u l-*lavabo *huma maħsuba li saru fl-1898 skond dan il-*Libro Esito.

ieħor tal-injam, liema ħlas sar lill-Mastru Luigi Bugeja. Fi Frar tal-1897 l-istess sena Bugeja tħallas il-bilanċ ta' erbatax-il lira tal-gandlieri u erbgħa liri ta' loppa (ornament magħmul mill-injam skulturat indurat bid-deheb u bellus aħmar armat fuq il-lampieri u l-linef fil-knisja) u leġiju.

Fl-20 ta' Settembru tħallsu l-ispejjeż ta' sbatax-il xelin u żewġ soldi għall-gwarniċi tal-karti tal-glorja. Il-karti tal-glorja kienu jkunu tliet gwarniċi li jitpoġġew fuq il-mensa tal-altar għat-talb tal-quddiesa. Fil-gwarniċ tan-nofs kien ikun hemm il-'Glorja' u t-talba tal-konsagrazzjoni, f'dak tal-lemin it-talb tal-ħasil tal-idejn u fil-gwarniċ tax-xellug kien ikun hemm il-prologu tal-Vanġelu ta' San Ġwann li s-saċerdot kien jaqra fl-aħħar tal-quddiesa. Fis-27 tal-istess xahar is-Sur A. Gauci tħallas 24 lira għall-induratura ta' tlettax-il gandlier, salib, leġiju u loppa.

Saru ukoll il-fjuretti għall-altari. Antonia Camilleri tħallset is-somma ta' żewġ liri u tliet xelini għal erbgħa fjuretti fil-5 ta' Settembru 1897. Tliet xhur wara tħallsu tmintax-il xelin għal sett ta' sitt fjuretti oħra artifiċjali u girlanda tal-fjuri '*pel santo*'. Sal-1901 dan ix-xogħol kien baqa' għaddej għaliex nhar il-31 t'Awwissu, lejliet il-festa titulari, Pietro Filetti tħallas is-somma ta' lira għal dan il-għan u għaxart ijiem wara tħallas il-bilanċ ta' lira u ħames xelini. Għal dawn il-fjuretti bdew jinxtraw ukoll vażuni, erbgħa f'Diċembru tal-1901, erbgħa tal-metall mingħand G. Busuttil f'Ottubru tal-1902 u erbgħa oħra tal-alabastru f'Awwissu tas-sena ta' wara. Tal-aħħar swew lill-prokura żewġ liri u għaxar xelini u lira u erbgħa xelini rispettivament. F'Awwissu tal-1902, iżżejnet bil-fjuri ukoll il-*Via Sagra* li saret fl-1893 u tħallset minn Francesco Micallef.[9]

Fost ħafna ħlasijiet għall-armar tal-altari nsibu diversi għax-xogħol tal-injam u l-induratura ta' diversi gwarniċi li uħud minnhom kienu jintużaw bħala ventartali ta' quddiem il-mensa tal-altari, oħrajn għall-karti tal-glorja u diversi kwadri tal-pittura. Hawnhekk fost l-ismijiet ta' persuni li ħadmu fuq dan ix-xogħol insibu lil żewġ induraturi: Paolo Bugeja (li semmejna aktar 'l fuq) u N. Colonna. U la qed insemmu

l-ventartali nsemmu ukoll li għal mal-gwarniċi ġodda, nħietu l-palji bil-kuluri liturġiċi. Ma' dawn inħiet ukoll kanopew (mill-Latin '*Conopeum*' – għata għat-tabernaklu magħmula mid-drapp li tinbidel skond il-kulur liturġiku). Biex nieħdu idea tal-ispejjeż ta' dan ix-xogħol insemmi pagament li sar għal dan il-kanopew u palju wieħed fit-23 ta' Diċembru 1898 li sewa lill-Prokura tal-Lampier ħames xelini u tliet soldi.

Fl-aħħar insemmi oġġetti liturġiċi marbuta maċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija u ta' sagramenti oħra. Fid-29 t'Awwissu 1896 tħallsu lira u sitt xelini għax-xogħol t'arġenterija u induratura ta' żewġ kalċijiet lil Calcedonio Zammit. Inxtara ukoll missal li sewa lill-prokura lira u tliet soldi li tħallsu fil-25 ta' Frar 1902. Inxtraw ukoll *asperges* (oġġett liturġiku użat sabiex iċ-ċelebrant iroxx l-ilma mbierek) minn A. De Giorgio fl-1896, u antifonarju f'Jannar tal-1903 li sewa erbatax-il xelin u żewġ soldi.

## ABITI LITURĠIĊI

Għaċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti minbarra l-apparat li semmejna kien hemm bżonn li l-knisja tikkummissjona abiti liturġiċi għas-saċerdoti u l-ministri tagħha. Interessanti li f'dan ir-reġistru nsibu numru ta' ismijiet ta' nies involuti f'dan il-qasam. Fost dawn insemmu lis-Sur Fiorentini, l-aħwa Fiorentini, l-aħwa Di Legni, Pietro Filetti, Carmelo Agius u fl-aħħar u mhux l-anqas lil Rosaria De Lucca. L-ewwel pagament tal-prokura f'dan ir-reġistru għal abiti liturġiċi sar fl-4 ta' Diċembru 1896 lis-Sur Fiorentini akkont ta' żewġ tuniċelli bojod (abiti li jintlibsu mid-Djakni u jkollhom għamla ta' pjaneti Rumani b'komma li tasal sa fuq l-ispalla) u pjaneta sewda. Infakkar li f'dan iż-żmien l-iswed kien lewn liturġiku popolari u kien jintuża għall-funerali (filwaqt li llum jintuża l-vjola). Saru diversi ħlasijiet għal pjaneti ta' diversi kuluri fosthom lill-aħwa Fiorentini li tħallsu tliet liri f'Ottubru tal-1898. Insemmu ukoll ħlasijiet għal sitt berrittini, gallun, frenez u kurduni, kif ukoll il-ħlasijiet li saru lil Pietro Filetti '*per abitini*'.

Dan l-ilbies probabbilment kienu jintuża mit-tfal u kien jikkonsisti jew fi spellizzi u suttani għall-abbatini jew żimarri li kienu jintlibsu f'purċissjonijiet. Insemmu ukoll lil Rosaria de Lucca li tat kontribut mhux żgħir fix-xogħol ta' ħjata li kien qed isir għall-Knisja ta' San Ġiljan fl-aħħar tas-seklu XIX u l-bidu tas-seklu XX. Din tħallset lira u għaxar xelini għall-ħjata ta' tliet kapep fit-3 ta' Frar 1903.

## ID-DAMASK TAL-KNISJA

Semmejna l-kontribut tas-Sinjura de Lucca għaliex hija protagonista fix-xogħol ta' proġett ieħor li l-*Procura della Veneranda Lampade* daħlet għalih f'dan iż-żmien. Kienet ta' sorpriża għalija li fost l-ispejjeż kbar li saru fuq xogħolijiet strutturali u l-ikkummissjonar ta' opri ta' arti biex iżejnu l-knisja parrokkjali l-ġdida nsib annotazzjonijiet ta' ħlasijiet li saru għal damask sabiex jinksew bih il-ħitan tal-knisja fil-festi u okkażjonijiet li kienu jiġu ċċelebrati matul is-sena liturġika. Irridu niftakru li l-popolazzjoni f'San Ġiljan f'dan iż-żmien ma kinitx waħda kbira. Fl-1891 il-popolazzjoni kienet ta' 1597 ruħ, li telgħet għal 3235 fl-1901.[10] Għaldaqstant wieħed

jista' jikkonkludi li dan ix-xogħol sar b'sagrifiċċji u bl-għajnuna ta' benefatturi ġenerużi.

Fil-ħlasijiet li saru għad-damask insibu l-istess protagonisti li semmejna fix-xogħol l-ieħor tad-drapp: l-aħwa Fiorentini, Di Legni, G. Busuttil u Pietro Filetti. Tal-ewwel kienu jitħallsu għad-damask innifsu filwaqt li Filetti kien jitħallas '*per tinta di damasco*'. Jidher li d-damask kien jiġi mogħti l-lewn ħamrani tiegħu minn dan Filetti b'tip ta' żebgħa. L-ispejjeż kienu kbar. Ivarjaw minn pagamenti ta' lira sa sittax il-lira għad-damask innifsu, minbarra spejjeż oħra fuq iż-żebgħa, glalen, ħoloq (sabiex dan jitwaħħal mal-ħajt) u nforra li għaliha kien jitħallas ċertu G. Galea. Iżda jidher li l-ispiża ma kinitx kapriċċ għaliex dan id-damask imsejjaħ 'tal-palma' (minħabba d-diżinn li fih) serva lill-knisja għal madwar seklu. Jidher li huwa l-istess wieħed li kien iżejjen il-knisja fil-jiem tal-festa sa ftit snin ilu meta ġie deċiż li minħabba l-istat diżastruż li kien fih ma jintramax iżjed u kien ikkummisjonat damask ġdid mill-Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi.

L-ewwel ħlas li nsibu għall-proġett sar fl-4 ta' April 1898 għal spejjeż u manifattura ta' pavaljun. Dan qam biss seba' xelini. Dan jagħtina x'nifhmu li d-drapp kien inferjuri għad-damask li nxtara wara. Jista' jkun li din kienet biss prova. Li hu żgur hu li l-Ġiljaniżi għoġobhom ix-xogħol għaliex f'Novembru tal-istess sena nsibu l-ewwel pagament għad-damask – pagament ta' erbgħa liri u għaxar xelini. Jidher li l-ewwel li nħietu kienu l-pavaljuni, tmienja b'kollox. Il-ħjata tagħhom swiet erbgħa liri u ħames xelini u tħallset f'Ottubru tal-1899. Pagamenti lil Rosaria de Lucca nsibu li saru tliet darbiet: f'Diċembru 1901 (żewġ liri u tliet xelini), Ottubru 1902 (lira, tmintax-il xelin u disgħa soldi), u Frar 1904 (lira, sebgħa xelini u ħdax-il sold), għalkemm saru diversi ħlasijiet oħra għall-ħjata fejn ma nsibux imniżżel lil min sar il-pagament.







*Dettalji mit-titular l-antik ta' Santa Marija, xogħol Antonio Falzon: Santa Marija (fuq), xi anġli (nofs) u San Ġiljan (isfel).*

F'dan il-ktieb ta' kontijiet insibu annotazzjonijiet ta' ħlasijiet ta' erbgħa u sebgħin lira, xelin u sitt soldi għad-damask innifsu; għaxar liri, xelin u tmien soldi għall-ħjata; żewġ liri, disgħa xelini u sitt soldi għall-inforra, tnax-il xelin għall-ħoloq, sittax-il xelin u tliet soldi għall-gallun u tmintax-il xelin għaż-żebgħa biex jingħata l-kulur l-istess damask. L-ispejjeż totali jammontaw għal madwar disgħa u tmenin lira li għaż-żmien li qed nitkellmu fuqu kienu flus kbar. Biex nagħmel paragun insemmi li l-vara ta' San Ġiljan qamet tlettax-il lira meta saret fl-1891.

## TIŻJIN IEĦOR

La qed insemmu d-damask, xieraq li niflu bir-reqqa l-paġni ta' dan ir-reġistru biex nagħtu ħarsa ukoll lejn oġġetti li kienu jsiru biex iżejnu lil dan it-tempju fil-festi, fosthom: standard li għalih l-istess De Lucca tħallset għaxar xelini fis-16 ta' Diċembru 1900, żewġ lampieri arġentati li għalihom tħallas is-Sur G.C. Busuttil f'Awwissu 1897 u Settembru 1899, żewġ lampieri għan-niċeċ, tmien fanali f'Jannar 1900 u raġġiera tal-fidda li swiet ħames liri u tħallset minn G. Meli fi Frar tal-1904. Insemmu ukoll il-ħlas ta' erba' xelini lil Paolo Micallef f'Ottubru tal-1903 għal tiswijiet li saru fuq bradella. Fost il-festi ta' min insemmu l-Ġimgħa Mqaddsa għaliex il-liturġija ta' din il-ġimgħa hija partikulari u għaldaqstant titlob l-użu ta' oġġetti mhux tas-soltu fosthom kapsula (tip ta' tabernaklu) fl-altar tar-repożizzjoni jew kif kien magħruf fiż-żmien 'is-sepulkru'. Fir-reġistru nsibu li l-prokura ħasbet għall-induratura ta' din il-kapsula fl-1898 u din qamet lira. Insemmu ukoll drawwa oħra popolari fir-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa li tagħha għandna prova ċara f'dan il-ktieb ta' kontijiet. Qabel il-Konċilju Vatikan II, kien hemm drawwa li tul ir-randan kollu jitgħattew ix-xbiehat tal-qaddisin fil-knejjes: kwadri u niċeċ, u li dawn jinkixfu mal-kant tal-Glorja f'Sibt il-Għid[11]. Fir-reġistru nsibu ħlas li sar biex inxtara s-satin '*per coprire i quadri*' fit-12 ta' Marzu tal-1897. Ftit jiem qabel inxtara ukoll id-drapp u gallun għal purtiera vjola. Fl-aħħar insemmi ukoll l-ispejjeż li saru marbuta mal-vara ta' San Ġiljan fosthom il-ħġieġa għan-niċċa tal-vara li tħallset fit-22 ta' Marzu 1897 u swiet lira u erba' xelini, kif ukoll is-somma ta' sitt xelini għal ritratti tal-vara li tħallsu f'Novembru tal-1903.

## FESTI MATUL IS-SENA LITURĠIKA

Niġu issa sabiex nitkellmu fuq is-sena liturġika u d-diversi festi li kienu jiġu ċċelebrati. Dan il-ktieb ta' kontijiet jixhed dawl fuq il-funzjonijiet liturġiċi u para-liturġiċi li kienu jsiru fil-knisja neo-parrokkjali, li ma kenux waħda jew tnejn. L-impressjoni li wieħed jieħu meta jqalleb il-folji ta' dan ir-reġistru hija li l-kommemorazzjonijiet ta' solennitajiet u festi ma kienet taqta xejn – sena sħiħa ta' impenn u parteċipazzjoni, fejn l-affarijiet kienu jsiru bl-akbar serjetà u dinjità.

## L-AVVENT U L-MILIED

Is-sena liturġika tal-Knisja tibda bl-Avvent u l-festi tal-Milied. Dan li qed nitkellmu fuqu hu żmien bogħod ħafna mill-kummerċjaliżmu ta' llum li ħakem u taffa ħafna mill-

ispirtu veru tal-Milied. Il-poplu kien jitħejja għal din il-festa kbira b'serjetà. Kienu jsiru priedki tal-Avvent, probabbilment simili għall-eżerċizzi tar-Randan. Tant hu hekk li fit-23 ta' Diċembru 1900 Patri Lorenzo Caruana tħallas is-somma ta' lira u tmien xelini għal dawn il-priedki, li saru ukoll fis-sena ta' wara. U la qed insemmu l-priedki ta' min ninnotaw ukoll li kull sena mill-1896 sal-1903 nsibu spejjeż imniżżlin għal rigal għall-predikatur tal-Milied u saħansitra f'xi snin ħlasijiet għal vettura tat-trasport għal dawn il-predikaturi li sfortunament mhumiex imsemmijin b'isimhom.

Waħda mill-ħafna karatteristiċi ta' dawn il-festi għal qalb il-poplu Malti hija l-priedka tat-tifel li għadha sa llum parti speċjali tal-quddiesa ta' nofs il-lejl. Dan il-ktieb jagħtina prova li din id-drawwa kienet tinżamm għaliex fl-1899 tħallsu l-ispejjeż ta' sitt xelini '*regalo al ragazzo della predica...*'. Il-quddiesa tal-Milied kienet tinkludi ukoll il-mużika taħt it-tmexxija tal-*Maestro di Cappella* residenti Antonio Vella li kien jitħallas bejn lira u sitt xelini (fl-1901, 1902 u 1903) saħansitra sa tliet liri u għaxar xelini għall-mużika tal-Milied tal-1903.

Nhar il-Milied filgħodu kien jiġi reċtat ukoll il-matutin u għal dan fis-7 ta' Jannar 1900 tħallsu żewġ xelini lil xi individwi '*per assistenza*'. Nhar San Silvestru (31 ta' Diċembru) kien jiġi ċċelebrat ukoll bil-kbir, tant li nsibu saħansitra ħlasijiet għall-predikaturi jew rigali għalihom. Fosthom fl-1901 insibu ħlas ta' erba' xelini '*Al Padre Maestro Egidio Anastasi per panegirico d'oggi*', ħames xelini fl-1902 lil Patri Rosario Spiteri tal-Ordni tal-Predikaturi, u sitt xelini oħra fl-1903 li tħallsu lill-Kanonku P. Cannataci. Il-festi tal-Milied kienu jiġu fi tmiemhom imbagħad fl-Epifanija, festa li kienet tkun iċċelebrata ukoll bil-mużika fil-knisja taħt it-tmexxija tas-Surmast Vella.

## IR-RANDAN, IL-ĠIMGĦA L-KBIRA U L-GĦID IL-KBIR

Żmien impenjattiv ieħor fil-ħajja parrokkjali huwa dak tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa. L-ispejjeż tal-Prokura tal-Lampier jagħtuna stampa ċara ta' ħafna attività fil-parroċċa f'dan iż-żmien importanti tal-ħajja Nisranija. Bħalma jsir illum, il-parroċċa kienet torganizza l-eżerċizzi spiritwali minn predikaturi magħrufa. Dan ir-reġistru jagħtina l-ismijiet tal-predikaturi bejn l-1896 u l-1898. Fosthom insemmu lil Dun Vincenz Callus[12] u P. Zammit (1896), Patri Publiju Galea u Dun Ġużepp Busietta (1897), u Dun G. Vassallo u Dun G. Scicluna (1898). Dawn kienu jitħallsu lira kull wieħed u ġieli anke b'xi xelini miżjuda u kienu jiġu ospitati mill-parroċċa.

Fis-sena 1895 insibu rendikont dettaljat fir-reġistru tal-prokura ta' spejjeż li saru biex is-saċerdoti mistiedna biex jippriedkaw jinżammu 'fuq wiċċ l-idejn', kif jgħid il-Malti. Fost l-ispejjeż tħallsu sittax-il xelin u disa' soldi lil A. Scicluna għall-għaġin u ħobż, tlettax-il xelin, ħames soldi u nofs għal-laħam u ingredjenti oħra lil ċertu C. Pullicino, xelin, tmien soldi u nofs lil G. Parnis għal bajd, ħalib u oħrajn, u fl-aħħar tmien xelini u seba' soldi lil R. Sammut għall-inbid. L-ikel kien ippreparat u mħawwar minn kok

u assistent (‘*Ragazzo sotto cuoco*’) li tħallsu sittax-il xelin u sitt soldi rispettivament ‘*per 8 giorni di lavoro*’. Tliet snin wara, fit-3 ta’ April 1898, tħallsu lira u sitt xelini spejjeż f’ospitalità għall-predikaturi tal-istess eżerċizzi.

Fl-1901 insibu rreġistrat ħlas ta’ lira li sar lill-predikatur tal-eżerċizzi fis-27 ta’ Mejju. Dan il-ħlas sar ħafna aktar tard mis-soltu meta wieħed jikkonsidra kemm il-ħlasijiet f’dan il-ktieb ta’ kontijiet kienu jkunu rreġistrati fil-pront mill-Prokuratur tal-*Veneranda Lampade*. Ma’ dan il-ħlas insibu rendikont ta’ ħlasijiet oħra ta’ sitt xelini lill-prędikaturi oħra: Patri Gundisalv Camilleri, Dun Gaetano Zammit, u Patri Feliciano Grech. Mhuwiex speċifikat jekk dawn ippriedkawx waqt l-eżerċizzi iżda l-fatt li l-ħlas sar fil-jiem ta’ qabel, jagħtina x’nifhmu li huwa wisq probabbli li dawn ħadu sehem fl-eżerċizzi jew fil-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Interessanti ngħidu li mal-ispejjeż tal-mużika, li għalihom kif semmejna aktar ’il fuq kien jitħallas Alberto Vella, kull sena bejn l-1987 u l-1903 insibu ħlasijiet li jvarjaw minn għaxar xelini sa lira, żewġ xelini u sitt soldi għall-mużika fl-okkażjoni ta’ festa tal-*Via Crucis*. Jidher li din kienet tkun parti integrali miċ-ċelebrazzjonijiet tar-Randan. Fl-istess żmien Vella kien jitħallas ukoll għall-mużika tal-Ġimgħa Mqaddsa, f’ammonti li jvarjaw minn sena għall-oħra - bl-akbar wieħed ikun ta’ lira u erbgħa xelini fl-1902. Fl-1896 il-*Maestro di Cappella* kien saħansitra tħallas erba’ xelini għal żewġ *motetti* waqt l-eżerċizzi.

## LAPSI U SANTA MARIJA

Il-festi tat-Tlugħ fis-Sema tal-Mulej u ta’ Ommu Marija, l-Axxenzjoni u l-Assunzjoni, huma żewġ festi marbuta intrinsikament mal-Knisja l-Antika ta’ San Ġiljan. Achille Ferris, fil-ktieb tiegħu *Descrizione*







*Wieħed mill-vażuni li kien jintrama mal-istatwa ta’ San Ġiljan, il-leġiju tal-festa u żimarra antika. Dawn l-oġġetti sagri probabbilment imorru lura għaż-żmien li qed niktbu dwaru hawnhekk.*

*Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, ifissrilna kif il-knisja kienet magħrufa popolarment bħala 'Ta' Lapsi', iżda t-titular kien iddedikat lill-Assunzjoni ta' Marija Santissima[13]. Sa mill-viżta pastorali tal-Vigarju Kapitulari Salvatore Pontremoli fl-1634 kienet diġà stabbilita drawwa li tat isem popolari lil din il-knisja, drawwa li kienet tikkonsisti f'żjara għall-quddiesa nhar il-festa tal-Axxenzjoni u wara għawma l-baħar max-xatt tal-bajja ta' San Ġiljan[14]. Tkellimna ukoll fit-tul f'din is-sensiela fuq żmien li fih it-titular tal-knisja tbiddel għal Santa Marija bl-inawgurazzjoni ta' kwadru titulari ġdid tal-Assunta, xogħol il-pittur Malti Antonio Falzon u donazzjoni tal-Prokuratur tal-Knisja l-*Medico di Pulizia* Dr Michele Parnis[15].

Jidher li għalkemm żmien Lapsi u Santa Marija kien għadda u t-titular tal-knisja parrokkjali l-ġdida kien mill-ġdid San Ġiljan Ospidalier, dawn iż-żewġ festi komplew jiġu ċċelebrati fil-knisja bejn tmiem is-seklu XIX u l-bidu tas-seklu XX. Konferma ta' dan insibuha fil-kontijiet tal-Prokura tal-*Veneranda Lampade*. Fl-1896 sar ħlas ta' ħames xelini lil Dun Ġużepp Busietta, minn Tas-Sliema, għall-priedka tal-festa tal-Axxenzjoni, filwaqt li sena wara ppriedka Dun Ġwann Tabone li tħallas sitt xelini. Il-festa ta' Santa Marija kienet tiġi ċċelebrata fuq skala mhux żgħira, kemm ġewwa l-knisja u kemm barra. Fl-1897 insibu annotazzjoni ta' ħlas ta' sitt xelini u sitt soldi għal illuminazzjoni lejliet is-solennità. Bejn l-1896 u l-1904 mal-ispejjeż tal-mużika nsibu li kull sena (bl-eċċezzjoni tal-1899) tħallset is-somma ta' bejn tmienja u tmintax-il xelin f'mużika għal din il-festa. Dan ifisser li prattikament ġimagħtejn jew tlieta qabel il-festa titulari kienet issir il-festa ta' Santa Marija, żewġ festi wara xulxin.

## FESTI OĦRA

Wara Santa Marija u l-festa titulari, fix-xahar ta' Ottubru kienet tiġi ċċelebrata festa fuq wieħed mill-altari laterali tal-knisja, dak iddedikat lilll-Madonna tar-Ružarju u li fuqu twaqqfet il-Fratellanza tar-Ružarju. Fl-1897 ippriedka fl-okkażjoni ta' din il-festa Dun Ġwann Tabone, u nsibu ukoll ħlasijiet ta' sitt xelini għar-reċta tar-Ružarju u lira u għaxar xelini '*per applicazione de messa nei 15 sabbato*'. Dan jagħtina x'nifhmu li kienu jsiru s-sibtijiet ta' tħejjija għal din il-festa. Il-predikatur G.Fiteni ħa tmien xelini fl-1899 għall-priedka tal-okkażjoni u tħallas sitt xelini Ernesto Buhagiar '*per Rosario*'. Fl-1900 imbagħad insibu li għal din il-festa l-prokura ħallset is-somma ta' tmien xelini '*per panigerico del Rosario*' lil Dun Franġisk Bugeja, filwaqt li sena wara tqabbad Dun Ġużepp Busietta - li kif stajna naraw kien jiġi mistieden jiċċelebra diversi festi fil-knisja. Fl-1902 u l-1903 nsibu mniżżel ukoll annotazjonijiet li jirreferu għall-paniġierku tar-Ružarju imma ma nsibux id-dettalji ta' min nisġu. Kull sena mill-1897 sal-1903 saru ħlasijiet ta' aktar minn lira lis-Surmast Alberto Vella għall-mużika tal-festa. Jista' jkun li l-festa kienet tiġi ċċelebrata mhux biss nharha iżda lejlietha u forsi ukoll bi tridu.

Nafu li kienu jsiru diversi festi oħra permezz tal-ħlasijiet li kienu jsiru lil Alberto Vella għall-mużika waqt il-liturġija tal-festi fil-knisja. Fost dawn nsibu l-festa tal-Madonna ta' Pompei f'Mejju, tal-Qalb ta' Ġesu' u dik ta' Sant'Antnin f'Ġunju, id-



*Dun Ġużepp Xerri, l-ewwel kappillan ta' San Ġiljan. Il-parroċċa żgur li taf lilu għal ħafna mill-għamara, paramenti u oġġetti sagri li bihom rama l-knisja tagħna dan l-ewwel kappillan.*

Duluri f'Settembru, il-Qaddisin kollha fl-1 ta' Novembru u t-tifkira tal-mejtin kollha fit-2 ta' Novembru. Il-festa ta' Sant'Antnin tissemma darba biss fil-ħlasijiet li saru lil Vella għal din il-festa u għall-festa tal-Assunta fid-19 t'Awwissu 1896. Il-festi tal-Madonna ta' Pompei u tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù jissemmew darbtejn, fil-1902 u l-1903, u fl-1896 u l-1899 rispettivament. Fil-każ ta' Pompei nsibu ukoll ħlasijiet fis-snin imsemmija għal predikatur, li fl-1903 kien il-Kanonku Kantur Luigi Debono, minn Birkirkara. Il-ħlasijiet għall-mużika huma konsistenti għall-festa tad-Duluri li kienet u għadha tiġi ċċelebrata liturġikament f'Settembru. Ir-reġistru jagħtina dettalji tal-ħlasijiet li saru għall-mużika ta' din il-festa mill-1896 sal-1903 u f'ħafna minn dawn is-snin dan kien ta' tnax il-xelin.

Fl-aħħar insemmu ukoll il-festa tal-Qaddisin kollha u t-tifkira tal-mejtin kollha fl-ewwel jumejn ta' Novembru. Il-Prokura tal-Lampier għamlet ħlasijiet għall-mużika f'dawn iż-żewġ okkażjonijiet fil-perjodu li qed insemmu; bejn l-1895 u l-1903. Fl-1895 tħallsu żewġ xelini u sitt soldi '*pagati al Signor A. Vella per motetto il di 2 del corrente*'. Sena wara l-ħlas għall-mużika taż-żewġ okkażjonijiet saret flimkien, u b'mod kurjuż tiżdied festa oħra: '*Pagati al Signor A. Vella per responsorii il di 1 Novembre, messa e motetto di 2 e messa di 9 Novembre*'. Għal dawn tħallsu lira, ħames xelini u sitt soldi. Imma x'kienet din l-okkażjoni, li tissemma ukoll fl-1902 meta tħallas Dun F. Formosa għal quddiesa, u fl-1898 meta dakinhar reġgħu tħallsu lira u ħdax il-xelin għall-mużika? Meta wieħed ifittex fil-kalendarju liturġiku tal-Knisja jsib li dakinhar titfakkar id-dedikazzjoni tal-Bażilika ta' San Giovanni Laterano f'Ruma. Din il-Bażilika hija meqjusa bħala l-Katidral ta' Ruma u Omm il-knejjes kollha ta' Ruma u tad-dinja. L-iskrizzjonijiet li wieħed isib mal-qiegħ tal-pilastri tal-faċċata ta' din il-Bażilika jaqraw hekk: '*Lateranensis ecclesia omnium urbis et orbis ecclesiarum mater et caput*'. Għaldaqstant hu probabbli li din il-festa kienet tiġi mfakkra liturġikament kif tiġi ċċelebrata llum, iżda bis-solennità kollha permezz tal-mużika fil-knisja.

Il-konklużjonijiet li nistgħu naslu għalihom wara li qlibna flimkien il-folji ta' dan ir-reġistru tal-*Procura della Veneranda Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano* biex infittxu dettalji fuq l-opri tal-arti u festi li kienu ċċelebrati fil-knisja huma tnejn. L-ewwel tikkonċerna bla dubju ta' xejn il-ħidma kbira li twettqet minn Dun Ġużepp Xerri u Dun Ġiljan Zammit biex il-knisja tkun mgħammra u mżejna kif jixraq. Ħafna mill-opri tal-arti li llum ingawdu fil-knisja huma frott il-ħidma ta' dawn iż-żewġ benefatturi kbar tal-knisja tagħna. L-oħra tikkonċerna l-festi u d-devozzjonijiet fil-knisja. Kif stajna naraw id-devozzjonijiet li għadhom jiġu kkommemorati fil-knisja llum huma bejn wieħed u ieħor l-istess bħal dawk li kienu jiġu ċċelebrati fi tmiem is-seklu XIX u l-bidu tas-seklu XX. Id-differenza hija li llum dawn ma jiġux ċċelebrati bis-solennità bħal dari. Hija festa waħda biss li f'dan ir-reġistru ma tissemma qatt - dik ta' San Ġużepp. Dan ikompli jsaħħaħ it-teżi li din il-festa kibret fil-popolarità fil-parrokat ta' Dun Amabile Bonanno (li kien minn Ħaż-Żebbuġ) għalkemm kien l-istess Dun Ġużepp Xerri li fit-testment tiegħu ddispona li tibda tiġi ċċelebrata l-festa tal-Patroniċju ta' San Ġużepp b'quddiesa kantata bil-paniġierku. Għal dan il-għan Xerri ħalla s-somma ta' żewġ liri[16].

RIFERENZI

1 Għal aktar informazzjoni: NIKI PAPAGIORCOPULO, *Minn Viċi-Parroċċa għall-Parroċċa. Moviment Marjan Ibiddel it-Titular*, f'*Programm tal-Festa Każin Banda San Ġiljan* (Awwissu 2007) 53-55.

2 NIKI PAPAGIORCOPULO, *Kwadru tal-Ħajja Parrokkjali u l-Festa ta' San Ġiljan bejn Tmiem is-Seklu Dsatax u l-Bidu tas-Seklu Għoxrin (I)*, f'*Lapsi* (Awwissu 2009) 56-65.

3 NIKI PAPAGIORCOPULO, *Kwadru tal-Ħajja Parrokkjali u l-Festa ta' San Ġiljan bejn Tmiem is-Seklu Dsatax u l-bidu tas-Seklu Għoxrin (II)*, f'*Lapsi* (Awwissu 2010) 56-67.

4 *L'Ordine*, 14.XIII.1893

5 ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 1-31.

6 MARIO BUHAGIAR, *Kwadri tal-Pittura fil-Knejjes tal-Kunċizzjoni u Ta' Lapsi*, f' *San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (editur), Malta 1992, 195-6, 200.

7 *L'Ordine*, 25.XIII.1896

8 *Malta Tagħna*, X.1907

9 *L'Ordine*, 14.XIII.1893

10 Statistika miġjuba mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

11 CHARLES COLEIRO, *Il-Festi Tagħna*, Malta 2003, 75.

12 Jidher li dan is-saċerdot kien minn Ħaż-Żebbuġ għaliex fit-23 ta' Ġunju tal-istess sena insibu mniżżla ħlasijiet li saru mill-Prokura għall-ispejjeż tal-vjaġġ bil-karrozzin minn Ħaż-Żebbuġ sa San Ġiljan għal ħames darbiet.

13 ACHILLE FERRIS, *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta 1866, 326-7.

14 AAF VP (Pontremoli, 1634).

15 *L'Ordine*, 17.VIII.1855

16 ALEXANDER BONNICI, *Il-Viċi Parroċċa u l-Parroċċa ta' San Ġiljan: 1849-1942*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (editur), Malta 1992, 165.